**KUNSILL LOKALI NADUR**

**Minuti tat-disa' u tletin (39) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur**

**Il-Ħamis, 5 ta' Ottubru, 2017, fil-5.30pm**
***(Il-laqgha bdiet fis-6:45pm peress li ma kienx hemm quorum u l-Kunsilliera Dr. Rita Mifud infurmat li kienet għadha Malta u li gejja ftit tard)***

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Luke Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Skuzati:**

| | |
|---|---|
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |
| Eucharist Camilleri | Viċi-Sindku |

**Talba:** Il-laqgħa bdiet b'talba.

**1. Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Kien hemm talba mingħand il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar biex tigi skuzata peress li kienet għadha imsiefra. Il-Viċi Sindku, Eucharist Camillieri skuzat ukoll peress li imsiefer. Il-Kunsill qabel li dawn it-tnejn jigu skuzati.

**2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tat-tmienja u tletin (38) laqgħa tal-4 ta' Settembru, 2017 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u dikjarati bħala dokument uffiċjali.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**3. Komunikazzjoni mis-Sindku u mistoqsijiet mil-Kunsilliera.**

***Laqgħa MGOZ*** – Is-Sindku nnota li għal din il-laqgħa kien hemm prezenti hu, s-Segretarju Ezekuttiv u il-Kunsilliera Dr. Josianne Cutajar. F'din il-laqgħa gie diskuss il-bzonn li titranga immedjatament Triq l-Imġarr u l-ħajt tal-ground peress li huma perikuluzi ħafna. Jidher li hemm line item għat-toroq pero hemm bzonn aktar fondi biex jintrangaw it-toroq kollha li hemm bzonn. Punt importanti li qalet il-Ministru għal Għawdex dwar it-Triq lejn l-Imġarr hu li l-ewwel pass kruċjali hu li jsiru l-istudji necessarji biex wieħed jara kif l-aħjar li tiġi indirizzata l-problema li hemm kif ukoll li jsir pjan għall-immanigjar tat-traffiku. Is-Sindku nnota li milli jidher il-Kunsill jrid jagħmel aktar pressjoni speċjalment fuq Triq l-Imġarr. Il-Kunsilliera Dr. Rita Mifsud ssuġġeriet li l-Kunsill jippreżenta protest ġudizzjarju fil-Qorti f'isem ir-residenti biex l-awtoritajiet kompetenti jiġu formalment notifikati bis-sitwazzjoni u l-istat perikoluż tat-triq, u jinżammu responsabbli f'każ ta' xi inċident. Is-Sindku ssuġġerixxa li issir petizzjoni li tintbgħat lil Parlament u din ma tkun bl-ebda mod partiġġjana imma sempliċiment biex tingħata attenzjoni. Il-Ministru offriet li jgħinuna fl-indafa tal-Imnarja kif ukoll tal-karnival. Gie diskuss ic-Charter 2018, il-ħajt tal-monument tal-Karnival, kif ukoll il-bzonn ta' indafa ħdejn l-Għar Mixta. Il-Kunsill ser jibgħat ittra lil Ministru rigward dawn.

- ***Ġemellaġġi:***
  - ***Cicciano*** – Is-Sindku nnota li l-programm lest magħhom fuq il-viżita tal-Kunsill f'Cicciano. Dawn ser jagħmlu event marbut mal-gemellaġġ u ser jospitawna għal zewġ ikliet ukoll. Il-Kunsill ta' Cicciano ser joffri żewġt ikliet. Ġie deċiz li l-Kunsill iħallas l-entratura ta' Caserta.
  - ***Baveno*** – Is-Sindku nnota li Matthew Xuereb mar tajjeb ħafna u ġie milqugħ tajjeb ukoll waqt il-maratona f'Baveno. Saret ukoll diskussjoni dwar meta l-aħjar titla delegazzjoni f'Baveno minn Nadur.

- ***Pannelli Latrina Daħlet Qorrot-*** Is-Segretarja nfurmat lil Kunsilliera li marru l-kumpanija li waħħlu l-panelli u xorta ma hadmux. Is-Segretarja ġiet infurmata biex tiehu l-batterija għand xi hadd biex tara għadiex tajba u jekk le tinxtara oħra. Is-Segretarja nfurmat li giet infurmata li l-batterija mhux tajba u ser ikun hemm bzonn ta' oħra. Kien hemm qbil li tinxtara oħra.

- ***Dog Bins*** – Dawn twaħħlu u qed jintuzaw sew sa issa.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

- ***Wine Festival-*** Is-Sindku infurma lil Kunsilliera li hu kellu post mortem ma' Delicata. Gie deċiz li d-dati għal Wine Festival tas-sena d-dieħla ser ikunu fil-31 ta' Awisssu, 1 u 2 ta' Settembru 2018. Il-Kunsill irċieva ukoll ilment mingħand Delicata rigward is-Sound System li ma kienx jinstema minn kullimkien. Delicata ser jaghmlu aktar investiment fejn jidhol marketing.

- ***Bozza San Blas*** – Is-Sindku nnota li ser tinqala l-bozza ta' Triq Arc Saver Cassar għax se tiġi shifted, u isir l-arblu hemm isfel minn Richard Cauchi. Imbagħad se isir floodlight minn ma Ġnien San Blas biex jiġi evitat li isir trinka fit-triq.

- ***Ħidmietna F' Isimkom*** – Dan lest u qiegħed għal printing.

- ***Renewal Permit Community Centre***- Il-Perit tal-Kunsill qed japplika mal-Planning Authority fuq dan.

- ***Triq Cocco Palmeri*** – Gie deċiz li tintbgħad ittra min naha tal-Kunsill lil-Ministeru għal Għawdex kif ukoll lil TM biex jintlahaq kompromess fuq il-parti d-dejqa ta' din it-Triq mal-propjetarji tar-raba'.

- ***Laqgħa dwar Sound Karnival***- Is-Sindku nnota li ser issir laqgħa nhar it-Tlieta, 17 ta' Ottubru mal-parteċipanti tal-karrijiet riġward is-sound. Din il-laqgħa ser tinħareg pubblikament.

**4. Korrispondenza.**

(5963) E mail mingħand Local Government Dept rigward approvazzjoni ta' Ħatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv.

(5964) E mail mingħand ANSEK rigward Erasmus +Programme KA1 Training

(5965) Ċirkulari AKL 65/2017 – Laqgħa Plenarja u Laqgħa tas-Sindki

(5966) E mail mingħand Jesmond Borg rigward Elezzjoni 2017 ghall-President tar-Regjun t'Għawdex

(5967) E mai mingħand Wasteserv rigward European Week for Waste Reduction

(5968) Ċirkulari AKL 67/2017- Courses and Registration forms for the AMIF project

(5969) Ċirkulari 25/2017- Seminar dwar il-Preżentazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjari għall-2017 (Direttiva nr.1/2017)

(5970) Ċirkulari AKL 46/2017- Inizzjattiva MCFF

(5971) E mail mingħand il-MGOZ u Regjun t'Għawdex rigward konferenza Waste Management Gozo

(5972) Ittra mingħand Pierre Cauchi rigward konsultazzjoni qabel jsir resurfacing ta' patch fi Triq il-Madonna ta' Lourdes. Is-Sindku nnota li malli l-Perit tal-Kunsill ilesti s-survey fuq din il-patch ikellem lil Pierre Cauchi qabel.

(5973) Ittra mingħand Pierre Cauchi rigward il-bring in site tal-ħgieg biex jitneħħa. Is-Sindku nnota li diġa ha l-passi meħtiega u tneħħa dan il-bring in site min hemm.

(5974) Ċirkulari AKL 66/2017 – Formoli u Aġenda tal-Laqgħa Plenarja, 30 ta' Settembru

(5975) E mail minghand Parliamentary Secretariat for persons with Disability and active ageing rigward Premju Anzjanita 2017

(5976) Ċirkulari AKL 69/2017- Transport Malta Stakeholder Consultation Meeting

(5977) Ċirkulari AKL 70/2017- Clean, Shared and Intelligent Mobility seminar

(5978) Ċirkulari AKL 60-Inizzjativa ta' tindif fil-widien

(5979) Rapport minghand Green Pak dwar Nadur LC Performance

(5980) E mail mingħand Parl.Sec.for Local Government & Communications dwar stedina mill-Onor Silvio Parnis biex tibgħatu s-suġġerimenti tagħkom. Kien hemm diskussjoni fit-tul bejn il-Kunsilliera u s-Sindku fejn inħargu dawn il-punti neċċessarji fil-Kunsilli- li hemm bzonn li Sindku jkun aktar fil-Kunsill tiegħu, il-bye laws ikunu aktar faċli biex jinħargu u li l-Kunsill ikollu aktar enforcement miegħu - bhal pulizija jew gwardjan bir-roaster mal-Kunsilli. Kien hemm suġġeriment ukoll li ma jkunx hemm restrizzjoni fuq kemm jingħataw ħaddiema tal-CWS lil Kunsilli.

(5981) E mail mingħand id-DLG rigward Litter Act (Cap 206)

(5982) E mail mingħand DLG rigward Żewġ avviżi fil-Gazzetta tal-Gvern nr. 19,867- Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

(5983) E mail mingħand DLG dwar Water Services Corporation – Guaranteed Services Standards application

(5984) Ċirkulari 27/17- Ġuramenti li jittieħdu minn Kunsillieri

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

(5985) Ċirkulari 26/17- Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

(5986) Ċirkulari 23/2017- Qualification Allowance ghas-Segretarji Eżekuttivi u Ħaddiema Klerikali

(5987) Talba mingħand il-Perit Shawn Micallef rigward bozza ġdida quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq l-Imġarr. Kien hemm qbil fuq din il-bozza u li titpoġġa għalissa fuq il-lista tal-bozoz pendenti.

(5988) E mail minghand DLG rigward Nominazzjonijiet għall-Elezzjoni sabiex jinħatar Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali

(5989) Ittra minghand Delicata rigward sound system tal-Wine Festival 2017.

(5990) Ċirkulari AKL 73/2017- Pubblikazzjoni tal-Magazine mill-AKL

(5991) Ċirkulari Numru 29/2017 – Kuntratti għal Servizzi skont Procurement Policy Note 25.

**5. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.**

Is-Sindku nnota li l-kontijiet tal-Pjazza San Pietru u San Pawl tħallsu kollha u fadal biss kont tal-*variations.* Is-Segretarja nnotat li l-10,000 euro ta' l-iskema Attivitajiet- Karnival tan-Nadur daħlu l-bank u qed nistennew l-10,000 euro tal-Proġetti Kapitali jidħlu ukoll. Is-sindku nnota li daqt deħlin 2,500 euro mingħand Delicata tal-wine festival 2017. Il-Kunsill beda jħallas kif gie diskuss f'laqgħa ta' qabel parti mill-6,000 euro pendenti tal-Wasteserv Ltd. Is-Sindku nnota li l-Quarterly Report jiġi diskuss fil-laqgħa ta' Novembru u fil-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanżi. Is-sindku qal ukoll li ghandhom johorgu xi pagament lil Gatt.

L-iskeda ta' pagamenti ġiet approvata minn dawk kollha preżenti.

**6. Attivitajiet – Halloween, Jum il-Kunsill, Nadur 8K, Milied 2017;**

***Halloween*** – Is-Sindku nnota li saret laqgħa mal familji li kienu nterassati, ma tantx kien hemm attendenza kbira izda kienet effettiva. Gie deciz li isir fil-gurnata tal-Halloween – 31 ta' Ottubru l-attivita' fejn Trick or Treat ma tissemma mkien u tingħata isem ġdid li twassal messagg. Din l-attivita tibda wara is-7:00 p.m.

Din l-attivita’ ser tkun indirizzata għat-tfal fejn ikun hemm haunted shelter bl-għajnuna ta’ Josef Camilleri, pumpkin carving mingħand Charlie Camilleri, Karru ta’ Peter Muscat fejn ikun hemm il-sahhara, Games u crafts mingħand Jump Malta, muzika minn Bjorn Vella, dawl u festun installat mingħand D Illumination u Bonfires mingħand il-ħaddiema tal-Kunsill.

Is-Sindku nnota li hu ga tkellem mal-bars biex min jixtieq igib band u izejjenu. Is-Sindku tkellem ma persuna li lest iġib candy u popcorn u oħra li ghandha truck tal-ħelu li t-tnejn ser jarmaw fuq il-post b’xejn.

Kien hemm qbil mill-Kunsilliera preżenti fuq dan kollu.

***Nadur 8K*** – Is-Sindku nnota li saret laqgha tal-organising team u kienu numru sabiħ u li t-Team tal-volontiera kiber sew. Hu kompla jgħid li r-*Risk Assessment* lest u issa morna għal insurance. Il-Gozo Atletics u TriGozo kollha se jieħdu sehem ukoll u kellmuna ħafna Maltin li ġejjin ghal din l-attivita’. Is-Sindku qal li qed jaħdmu fuq sponsors ukoll flimkien ma’ Puttinu. Illum ġie launched il-Website ta’ din l-attivita’ - www.Nadur8k.com.

***Jum il-Kunsill-*** Is-Sindku tkellem mal-Kunsilliera preżenti fuq il-programm ta’ Jum il-Kunsill. Fost l-attivitajiet din is-sena ser jkun hemm ukoll is-safra ta’ Cicciano grupp ta’ 50 persuna. Il-Blood Donation ser titella’ bl-għajnuna tac-Ċentru Parrokjali u ser isir reklam fil-Pjazza San Pietru u San Pawl. Is-Sindku nnota li fl-attivita’ Gieħ in-Nadur u l-Kuncert il-write up ser jagħmel Mark Azzopardi, Darren Cassar ser jieħu r-ritratti u jagħmel il-*power point.* Ser jingħata rikonoxximent lil-Brittany Attard li kienet l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ. Ser jingħata Gieħ lil Kumitat u imbgħad group photo mal ex-presidenti u wara riċeviment.

Il-Ħarga ta’ l-anzjani ser tkun fil-15 ta’ Novembru. Il-Quddiesa ta’ Jum il-Kunsill ser tkun is-Sibt, 18 ta’ Novembru fis-6:30p.m. ser jieħu ħsieb Peter Buttigieg u riġward il-muzika tal-Knisja l-Kunsill ser ikellem lil Peter Buttigieg ukoll. Sports Day ser tkun fil-Muzew tas-Subien fis-19 ta’ Novembru. Fil-25 ta’ Novembru ser ikun hemm imbgħad Clean up, Tournament u l-Wirja tal-Milied Malti. Kien hemm qbil fuq il-programm kollu.

***Milied 2018-*** Il-Presepju Ħaj se jiftaħ Sibt 16 ta’ Dicembru fil-5pm. L-Attivita’ tal-Kunsill ser tkun jew l-Erbgħa 20 ta’ Diċembru jew inkella l-Ħamis 21 ta’ Diċembru jekk ikun il-maltemp. F’din l-attivita’ ser ikun hemm entertainment, logħob Tfal, Santa House u Marc tal-Banda. Ser tinħareg fil-granet li ġejjin il-kwotazzjoni tad-dawl tal-Milied. Is-Sindku nnota li din is-sena ser ikun hemm Nativita fil-Pjazza life size mingħand Charlie Camilleri. Fit-8 ta’ Diċembru jkun hemm l-Open Market tal-Milied. Is-Sindku nnota ukoll li ser ikun hemm kompetizzjoni tal-Presepji minn Għaqda presepji u s-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jgħin fiċ-Ċertifikati u l-mementos. Kien hemm qbil fuq dan kollu mill-Kunsilliera preżenti.

IFFIRMATA<br>Edward Said<br>Sindku

IFFIRMATA<br>Sue-Ellen Bugeja<br>Segretarja Ezekuttiva

Is-Sindku nnota li irċieva ittra mingħand ll-MCCF rigward zjara tal-President f' Għawdex fl-1,2 u 3 ta' Diċembru fejn kull Kunsill jagħmel attivita' biex jinġabru fondi għal Malta Community Chest Fund.

**8. Manutenzjoni ta' Toroq u Fondi tal-UIF;**

- ***Triq Qortin***- Is-Sindku nnota li l-Kunsill qed jistenna approval tad-Dipartiment għal Gvern Lokali u bhalissa hemm tender maħruga.

- ***Triq ir-Ramla***- Is-Sindku informa lil Kunsilliera li inkitbet ittra lid-Dipartiment għal Gvern Lokali u ha nistennew risposta dwar fondi.

- ***Rock Garden***- Dan sar site visit mal-Perit tal-Kunsill u ser isir survey u disinn.

- ***Daħlet Qorrot u Gnien il-Kunsill*** – Irdum. Is-Sindku nnota li l-Kunsill qieghed b'Kuntatt mal-Ministeru għal Għawdex rigward għajnuna għal twaqqiegħ tal-irdum f'Dahlet Qorrot fejn hu perikuluż. Il-Perit ser jagħmel applikazzjoni mal-Planning Authority għal dan qabel jinbeda x-xogħol. Fuq il-post ser ikun hemm tabelli u barriers biex tingħalaq din il-parti perikuluża. Rigward l-irdum li ser jaqa' taħt Gnein il-Kunsill ġie deċiz li jmur l-Perit tagħna u jitwaqqa li hemm bzonn.

**9. Bring-in-Sites u Indafa Pubblika:**

Is-Segretarja infurmat lil Kunsilliera li tkellmet ma persuna minn Green Pak rigward il-problema li hemm ħdejn il-bring in sites u talbet l-għajnuna tagħhom għal CCTV waqt laqgħa ta' l-iskart fil-Ministeru għal Ghawdex. Huma lesti li jipprovdu CCTV minn naħa tagħhom u l-kunsill jipprovdi biss tabella u connection tad-dawl.

Is-Segretarja infurmat ukoll lil Kunsilliera rigward il-każ tal-CCTV Fatima u l-istima li l-kunsill irċieva mingħand il-kumpanija li installa l-ewwel darba ic-CCTV. Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu parir ieħor mingħand Galea & Curmi Eng. qabel jinbiddlu l-wires li inħarqu.

Is-Sindku nnota li ser tinħareg applikazzjoni biex min ikun irrid jidħol volontarju u titwaqqaf inizzjattiva Task Force biex jitnaddfu areas madwar in-Nadur.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**10. Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku;**

- Talba mingħand Ronnie Muscat għal Double yellow line fi Triq Duru
- Is-Sindku staqsa lil kunsilliera jekk jaqblux li t-transport tal-FECC – Dies Natalis minn Cirkewwa-Airport jitħallsu mill-Kunsill. Kien hemm qbil.

**12. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fis-8:00pm. Il-Kunsill qabel li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 9 ta' Novembru, 2017 fis-6:00p.m. u dakinhar ukoll il-laqgħa tal-Finanżi fil-5:30p.m.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva